Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

16 ta’ Novembru 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Direttiva 2006/123/KE — Artikolu 13(2) — Proċeduri ta’ awtorizzazzjoni — Kunċett ta’ spiża li tista’ tirriżulta minnhom”

Fil-Kawża C-316/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit), permezz ta’ deċiżjoni tat-22 ta’ Ġunju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta’ Ġunju 2015, fil-proċedura

**The Queen**, fuq it-talba ta’:

**Timothy Martin Hemming**, li jaġixxi taħt l-isem kummerċjali “Simply Pleasure Ltd”,

**James Alan Poulton,**

**Harmony Ltd,**

**Gatisle Ltd**, li taġixxi taħt l-isem kummerċjali “Janus”,

**Winart Publications Ltd,**

**Darker Enterprises Ltd,**

**Swish Publications Ltd**

vs

**Westminster City Council,**

fil-preżenza ta’:

**The Architects’ Registration Board,**

**The Solicitors’ Regulation Authority,**

**The Bar Standards Board,**

**The Care Quality Commission,**

**The Farriers’ Registration Council,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

**The Law Society,**

**The Bar Council,**

**The Local Government Association,**

**Her Majesty's Treasury,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur) u D. Švaby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal T. M. Hemming, li jaġixxi taħt l-isem kummerċjali "Simply Pleasure Ltd", J. A. Poulton, Harmony Ltd, Gatisle Ltd, li taġixxi taħt l-isem kummerċjali "Janus", Winart Publications Ltd, Darker Enterprises Ltd u Swish Publications Ltd, *et*, minn T. Johnston u M. Hutchings, barristers, P. Kolvin, QC, V. Wakefield, barrister, A. Milner u S. Dillon, solicitors,

— għall-Westminster City Council, minn H. Davies, bħala aġent, assistita minn D. Matthias, QC, N. Lieven, QC, J. Lean u C. Streeten, barristers,

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman, B. Koopman u M. Gijzen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Tserepa-Lacombe u T. Scharf, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'dwar is-servizzi'").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Timothy Martin Hemming, li jaġixxi taħt l-isem kummerċjali "Simply Pleasure Ltd", James Alan Poulton, Harmony Ltd, Gatisle Ltd, li taġixxi taħt l-isem kummerċjali "Janus", Winart Publications Ltd, Darker Enterprises Ltd u Swish Publications Ltd (iktar 'il quddiem "T. M. Hemming *et*") u l-Westminster City Council (kunsill muniċipali tal-belt ta' Westminster, ir-Renju Unit) dwar tariffa li għandha titħallas mal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 39, 42, 43 u 49 tad-Direttiva "dwar is-servizzi" huma redatti kif ġej:

"(39) Il-kunċett ta' 'skema ta' awtorizzazzjoni' għandu jkopri, fost oħrajn, il-proċeduri amministrattivi għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet, liċenzji, approvazzjonijiet jew konċessjonijiet, u kif ukoll l-obbligu, sabiex jkun eliġibbli biex jeżerċita l-attività, biex jkun irreġistrat bħala membru ta' professjoni jew imdaħħal f'reġistru, lista jew database, biex jkunu uffiċjalment maħtura f'korp jew jikseb kard ta' sħubija ta' professjoni partikolari. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata mhux biss b'deċiżjoni formali iżda wkoll b'deċiżjoni impliċita li tirriżulta, per eżempju, minn silenzju ta' awtorità kompetenti jew mill-fatt li l-parti interessata trid tistenna l-konferma ta' l-irċevuta ta' dikjarazzjoni sabiex tibda l-attività in kwistjoni jew biex din ta' l-aħħar issir legali.

[…]

(42) Ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri amministrattivi ma għandhomx jimmiraw biex jarmonizzaw il-proċeduri amministrattivi iżda sabiex ineħħu l-iskemi ta' awtorizzazzjoni li huma tassew ta' piż, proċeduri u formalitajiet li jxekklu l-libertà ta' l-istabbiliment u l-ħolqien ta' impriżi ġodda ta' servizzi li jirriżultaw minn dan.

(43) Waħda mid-diffikultajiet fundamentali ffaċċjati, b'mod partikolari mill-SMEs, biex ikollhom aċċess għall-attivitajiet ta' servizz u jeżerċitawhom, hija l-kumplessità, it-tul u l-inċertezza legali tal-proċeduri amministrattivi. Għal din ir-raġuni, fuq l-eżempju ta' ċerti prassi ta' inizjattiva ta' amministrazzjoni tajba u moderna li ttieħdet fuq livell Komunitarju u nazzjonali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ta' simplifikazzjoniamministrattiva fost oħrajn permezz tal-limitazzjoni ta' l-obbligu għall-awtorizzazzjoni minn qabel għal każijiet li fihom din hi essenzjali u l-introduzzjoni tal-prinċipju ta' l-awtorizzazzjoni miftiehem [taċita] mill-awtoritajiet kompetenti wara li jkun skada ċertu perjodu ta' żmien. Azzjoni ta' modernizzazzjoni bħal din, filwaqt li żżomm ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza u l-aġġornament ta' l-informazzjoni relatata ma' l-operaturi, għandha l-ħsieb li telimina d-dewmien, l-ispejjeż u l-effetti diswassivi li jinqalgħu, per eżempju minn proċeduri mhux meħtieġa, jew eċċessivament kumplessi u ta' piż, id-duplikazzjoni tal-proċeduri, il-burokrazija involuta fil-preżentazzjoni tad-dokumenti, l-użu arbitrarju ta' setgħat mill-awtoritajiet kompetenti, perjodi ta' indeterminazzjoni jew twal b'mod eċċessiv qabel ma tingħata risposta, il-perjodu tal-ħin limitat tal-validità ta' l-awtorizzazzjonijiet mogħtija u l-miżati u l-penali disproporzjonati. Tali prassi għandhom effett sinjifikattiv partikolarment disswassiv fuq il-forrnituri li jixtiequ jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fi Stati Membri oħra u għandhom bżonn modernizzazzjoni kkordinata fi ħdan is-suq intern imkabbar ta' ħamsa u għoxrin Stat Membru.

[…]

(49) Il-miżata li tista' tiġi ċċarġjata mill-punti ta' kuntatt waħdieni għandha tkun proporzjonata ma' l-ispejjeż tal-proċeduri u l-formalitajiet li għandhom x'jaqsmu magħhom. Dan ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jafdaw lill-punti ta' kuntatt waħdieni bil-ġbir ta' miżati amminstrattivi oħra bħal miżata tal-korpi ta' superviżjoni."

4 Skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-forrnituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi."

5 L-Artikolu 4(6) tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi l-"[i]skema ta' awtorizzazzjoni" bħala "kull proċedura li fiha kull fornitur jew riċevitur hu tabilħaqq meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni formali minn awtorità kompetenti, jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha".

6 Fil-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 9 tal-istess direttiva, intitolat "Skemi ta' awtorizzazzjoni" jipprovdi:

"L-Istati Membri m'għandhomx jissoġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal skema ta' awtorizzazzjoni ħlief jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-iskema ta' awtorizzazzjoni ma tiddiskriminax kontra l-fornitur ikkonċernat;

(b) il-ħtieġa għal skema ta' awtorizzazzjoni hi ġġustifikata minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(ċ) l-objettiv segwit ma jistax jinkiseb b'mezzi inqas ristrettivi, b'mod partikolari peress li spezzjoni a posteriori isseħħ tard wisq biex tkun ġenwinament effettiv."

7 L-Artikolu 10 tad-Direttiva "dwar is-servizzi", intitolat "Kondizzjonijiet biex tingħata l-awtorizzazzjoni", jipprevedi:

"1. Skemi ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' evalwazzjoni b'mod arbitrarju.

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) mhux-diskriminatorji;

(b) iġġustifikati mir-raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(ċ) proporzjonati ma' dak l-objettiv ta' interess pubbliku;

(d) ċari u mingħajr ambigwità;

(e) oġġettivi;

(f) magħmulin disponibbli għal pubbliku minn qabel;

(g) trasparenti u aċċessibbli.

[...]"

8 L-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, intitolat "Perjodu ta' awtorizzazzjoni", jipprevedi:

"1. Awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur m'għandhiex tkun għal perjodu limitat, ħlief fejn:

(a) l-awtorizzazzjoni tiġġedded awtomatikament jew hi soġġetta biss għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti;

(b) in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli hu limitat b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

jew

(ċ) perjodu limitat ta' awtorizzazzjoni jista' jkun ġustifikat minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku.

[…]

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-abiltà ta' l-Istati Membri biex jirrevokaw l-awtorizzazzjonijiet, meta l-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni ma jibqgħux jiġu sodisfatti."

9 Fil-paragrafu 2 tiegħu, l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Proċeduri ta' awtorizzazzjoni", jipprovdi:

"Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni m'għandhomx ikunu dissważivi u m'għandhomx jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewwmu il-provvista tas-servizz. Huma għandhom ikunu aċċessibbli faċilment u kwalunkwe spiża li l-applikanti jeħlu mill-applikazzjoni tagħhom għandha tkun raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni konċernati u m'għandhiex taqbeż n-nefqa tal-proċeduri."

10 L-Artikolu 14 tal-istess direttiva, intitolat "Ħtiġijiet ipprojbiti", jipprevedi:

"L-Istati Membri m'għandhomx jissuġġettaw l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz fit-territorju tagħhom għal konformità ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

[…]

6) l-involviment dirett jew indirett ta' l-operaturi li jikkompetu, inkluż fi ħdan korpi konsultattivi, fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet jew fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet oħrajn ta' l-awtoritajiet kompetenti, ħlief għall-korpi u assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet oħrajn li jaġixxu bħall-awtorità kompetenti; din il-projbizzjoni ma għandhiex tikkonċerna l-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet, bħal kmamar tal-kummerċ jew imsieħba soċjali, dwar kwistjonijiet għajr applikazzjonijiet individwali għal awtorizzazzjoni, jew konsultazzjoni tal-pubbliku in ġenerali;

7) obbligu li persuna tipprovdi jew tieħu sehem f'garanzija finanzjarja jew li tieħu assigurazzjoni minn fornitur jew korp stabbilit fit-territorju tagħhom. Dan ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għall-Istati Membri li jitolbu garanziji ta' assigurazzjoni jew finanzjarji fihom infushom, lanqas ma għandu jaffettwa r-rekwiżiti relatati mal-parteċipazzjoni f'fond ta' kumpens kollettiv, bħal per eżempju għal membri ta' korpi jew organizzazzjonijiet professjonali;

[…]"

*Id-dritt tar-Renju Unit*

11 Ir-Regola 4 tal-Provision of services Regulations 2009 (Regolament tal-2009 dwar il-provvista ta' servizzi) li jimplementa d-Direttiva "dwar is-servizzi" jipprovdi:

"Il-frażi 'skema ta' awtorizzazzjoni' tfisser kull arranġament li għandu l-effett li jobbliga l-fornitur jew id-destinatarju ta' servizz jikseb l-awtorizzazzjoni ta' awtorità kompetenti jew li jinnotifika awtorità kompetenti sabiex ikollu aċċess għal attività ta' servizz jew sabiex jeżerċitaha […]"

12 Skont ir-Regola 18(2) sa (4) tal-imsemmi regolament:

"(2) Il-proċeduri u l-formalitajiet previsti minn awtorità kompetenti skont skema ta' awtorizzazzjoni ma għandhomx

(a) ikunu dissważivi, u

(b) jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewmu l-provvista tas-servizz.

(3) Il-proċeduri u formalitajiet previsti minn awtorità kompetenti skont skema ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu faċilment aċċessibbli.

(4) Kwalunkwe spiża prevista minn awtorità kompetenti li tista' tirriżulta minn skema ta' applikazzjoni fuq l-applikanti għandha tkun raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni skont l-iskema u m'għandhiex taqbeż in-nefqa tal proċeduri u formalitajiet."

13 Il-paragrafu 19 tal-Anness 3 tal-Local Government (Miscellaneous Provisions) Act 1982 [liġi tal-1982 dwar l-amministrazzjoni lokali (dispożizzjonijiet diversi)] jipprevedi li applikant għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja għandu jħallas tariffa raġonevoli, stabbilita mill-awtorità kompetenti.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

14 Il-kunsill muniċipali tal-belt ta' Westminster huwa l-awtorità tal-għoti tal-liċenzja għall-istabbilimenti tas-sess, inklużi s-"sex-shops", f'Westminster. Matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali kollu, T. M. Hemming *et* kienu detenturi ta' liċenzji għal sex-shops f'Westminster.

15 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, waqt l-imsemmi perijodu u konformement mal-Anness 3, paragrafu 19 tal-Liġi tal-1982 dwar l-amministrazzjoni lokali (dispożizzjonijiet diversi), setgħet tiġi imposta tariffa sabiex tkopri mhux biss l-ispiża tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess, iżda wkoll dik tal-ispezzjoni tal-bini wara l-għoti tal-liċenzji bl-għan li tinżamm "l-ordni ssorveljata" sabiex jiġu identifikati u pproċessati l-persuni li joperaw stabbilimenti tas-sess mingħajr liċenzja.

16 Għaldaqstant, applikant għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess għal sena kwalunkwe kellu jħallas tariffa komposta minn żewġ partijiet: waħda konnessa mal-ipproċessar amministrattiv tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli, u l-oħra, ħafna ikbar, konnessa mal-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u li tista' tinġabar lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda. Per eżempju, għas-sena 2011/2012, l-ammont totali tat-tariffa kien ta' 29 102 lira sterlina (GBP) (madwar EUR 37 700) għal kull applikant, li minnhom GBP 2 667 (madwar EUR 3 455) kienu għall-ipproċessar amministrattiv tal-liċenzja u li ma humiex rimborsabbli, filwaqt li r-rimanenti GBP 26 435 (madwar EUR 34 245) kienu konnessi mal-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u kienu jistgħu jinġabru lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

17 Skont T. M. Hemming *et*, il-kunsill muniċipali tal-belt ta' Westminster ma kellux dritt jimponi l-ħlas ta' din it-tieni parti tat-tariffa. Is-somom korrispondenti, minkejja li jistgħu jinġabru lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda, allegatament kienu dovuti minħabba l-ispejjeż marbuta mal-implementazzjoni tas-sistema ta' liċenzjar, mingħajr rabta mal-ispiża tal-ipproċessar amministrattiv tal-applikazzjonijiet, u kellhom jiġu sostnuti mill-baġit ġenerali tal-kunsill muniċipali tal-belt ta' Westminster jew kellhom jintalbu biss mingħand l-operaturi li l-applikazzjoni tagħhom intlaqgħet.

18 T. M. Hemming *et* rebħu quddiem il-qrati tar-Renju Unit li huma kienu adixxew b'rikors. Dawn qiesu li l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi" tkopri l-ispejjeż imposti kemm fuq l-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom tintlaqa' kif ukoll fuq dawk li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda u jipprekludi li awtorità li tagħti liċenzja timponi b'mod indistint fuq l-applikanti li jiksbu liċenzja u fuq dawk li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda sabiex iħallsu l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet kontra l-persuni li joperaw stabbilimenti tas-sess f'Westminster, mingħajr liċenzja.

19 Għaldaqstant, l-applikanti li ma jiksbux il-liċenzja jistgħu jintalbu biss l-ispejjeż tal-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom, inkluż l-eżami tal-kapaċità tagħhom li joperaw stabbiliment tas-sess, filwaqt li l-applikanti li jiksbuha jistgħu biss jiġu imposti fuqhom l-ispejjeż simili u, fil-każ li l-applikazzjoni tagħhom tiġġedded, dawk relatati mal-ispezzjoni tal-osservanza tal-obbligi marbuta mal-liċenzja tagħhom fil-passat.

20 Adita b'appell mis-sentenza tal-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) [qorti tal-appell (Ingilterra u Wales) (Sezzjoni Ċivili), Ir-Renju Unit], il-qorti tar-rinviju qieset li l-approċċ ikkontestat quddiemha allegatament għandu l-konsegwenza li l-awtorità inkarigata mill-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar ikollha ssostni l-ispejjeż tal-funzjonament ta' din is-sistema favur l-operaturi li kisbu liċenzja, peress li din l-awtorità ma tkunx tista' timponi fuq applikant sabiex jikkontribwixxi għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-imsemmija sistema fuq l-operaturi ta' stabbilimenti tas-sess li ma jkollhomx liċenzja, minkejja li din il-ġestjoni tiffavorixxi lill-operaturi ta' tali stabbilimenti li huma detenturi ta' liċenzja. Għal dan l-għan, l-imsemmija awtorità għandha tirrikorri għall-fondi ġenerali tagħha.

21 Din il-qorti tistaqsi dwar liema hija s-soluzzjoni għal organi regolatorji jew organizzazzjonijiet professjonali oħra li jirrikorru għal skemi simili, li jista' jkun li ma jkollhomx fondi ġenerali u lanqas is-setgħa li jiġbru fondi b'mod jew b'ieħor.

22 Minkejja li l-qorti tar-rinviju hija konvinta li skema li skontha l-applikant għandu jħallas tariffa addizzjonali sabiex ikopri l-ispejjeż marbuta mal-funzjonament u mas-sorveljanza tas-sistema ta' liċenzjar meta l-applikazzjoni tintlaqa' hija konformi mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi", hija tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-iskema applikata mill-kunsill muniċipali tal-belt ta' Westminster miegħu.

23 Madankollu, din il-qorti tirrileva li hija ma għandha ebda element li jippermetti li wieħed iqis li r-rekwiżit li skontu applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas ta' somma li tista' tingħabar lura fil-każ li din tiġi miċħuda jkun jista' jiddisswadi lil xi operaturi milli jippreżentaw applikazzjoni għal liċenzja ta' stabbiliment tas-sess.

24 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-fatt li wieħed ikollu jħallas somma bil-quddiem, sakemm tingħata deċiżjoni ta' għoti jew ta' rifjut ta' liċenzja, effettivament jikkostitwixxix spiża għal applikant għal liċenzja.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Meta applikant għall-għoti jew tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess ikollu jħallas tariffa maqsuma f'żewġ partijiet, waħda konnessa mal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli, l-oħra għall-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda:

1) Ir-rekwiżit li titħallas tariffa, inkluża t-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura], ifisser, bħala kwistjoni ta' dritt Ewropew u xejn iktar, li l-intimati sostnew spiża għall-applikazzjonijiet tagħhom li tmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva [dwar is-servizzi] sa fejn din taqbeż l-ispiża sostnuta mill-Westminster City Council għall-ipproċessar tal-applikazzjoni?

2) Il-konklużjoni li tali rekwiżit għandu jiġi kkunsidrat li jinvolvi spiża – jew, jekk għandu jitqies bħala tali, spiża li taqbeż l-ispiża sostnuta mill-Westminster City Council għall-ipproċessar tal-applikazzjoni – tiddependi fuq l-effett ta' ċirkustanzi ulterjuri (u jekk iva, liema), per eżempju:

   a) provi li jistabbilixxu li l-ħlas tat-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] kien jinvolvi jew x'aktarx jinvolvi lil applikant f'xi spejjeż jew telf,

   b) id-daqs tat-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] u t-tul ta' żmien li tinżamm qabel ma jsir ir-rimbors, jew

   c) kull iffrankar fl-ispejjeż [...] fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet (u għalhekk fl-ispiża mhux rimborsabbli tagħhom) li tirriżulta mir-rekwiżit tal-ħlas bil-quddiem taż-żewġ partijiet tat-tariffa li għandhom jitħallsu mill-applikanti kollha?"

**Fuq id-domandi preliminari**

26 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex li ssir taf jekk l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi" għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-ħlas, fil-mument tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, ta' tariffa li parti minnha tikkorrispondi għall-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata, anki jekk din il-parti tista' tingħabar lura fil-każ li din l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

27 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jittieħed kont mhux biss tat-termini tagħha, iżda wkoll tal-kuntest tagħha u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, Verband Sozialer Wettbewerb, C-19/15, EU:C:2016:563, punt 23).

28 F'dan ir-rigward għandu qabelxejn jiġi rrilevat li l-punt ta' jekk it-tariffa dovuta minn applikant tistax tingħabar lura fil-każ li l-applikazzjoni tiegħu għal liċenzja tiġi miċħuda ma għandu l-ebda effett fuq l-identifikazzjoni ta' spiża fis-sens tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi". Fil-fatt, il-fatt li wieħed ikollu jħallas tariffa jikkostitwixxi obbligu finanzjarju, u għaldaqstant spiża, li l-applikant għandu jħallas sabiex l-applikazzjoni tiegħu tittieħed inkunsiderazzjoni, indipendentement mill-fatt li l-ammont jista' jingħabar lura sussegwentement fil-każ li din l-applikazzjoni tiġi miċħuda. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li l-għan tal-imsemmi artikolu, moqri fid-dawl tal-premessi 39, 42 u 43 ta' din id-direttiva, huwa dak li jiġi evitat li ċerti aspetti tal-proċeduri u tal-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni jiskoraġġixxu l-aċċess għall-attivitajiet ta' servizzi.

29 Sabiex ikunu jikkonformaw mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi", l-ispejjeż imsemmija għandhom, skont din id-dispożizzjoni, ikunu raġonevoli u proporzjonati man-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ma għandhomx jaqbżu n-nefqa ta' dawn il-proċeduri.

30 Peress li l-ammont ta' tali spejjeż ma jistax, fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti, fi kwalunkwe każ jaqbżu n-nefqa tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni inkwistjoni, għandu jiġi eżaminat jekk l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni fl-intier tagħha jistgħux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "nefqa tal-proċeduri".

31 Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni tinterpreta dan il-kunċett fil-kuntest tad-Direttiva "dwar is-servizzi", hija diġà ppreċiżat, f'kuntest ieħor, li, sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' drittijiet ta' natura remuneratorja, Stat membru jista' jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss in-nefqiet, materjali u salarjali, li huma marbuta direttament mat-twettiq tal-operazzjonijiet li tagħhom huma

jikkostitwixxu l-korrispettiv, iżda anki l-frazzjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-amministrazzjoni kompetenti li huma imputabbli għal dawn l-operazzjonijiet (sentenza tat-2 ta' Diċembru 1997, Fantask *et*, C-188/95, EU:C:1997:580, punt 30).

32 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża, barra minn hekk, fir-rigward ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tippermetti b'mod espliċitu li, fil-kalkolu tal-ispejjeż amministrattivi, jittieħed kont ta' dawk relatati mal-implementazzjoni, mal-ġestjoni u mal-kontroll ta' sistema ta' liċenzjar individwali, li l-ispejjeż mittieħda inkunsiderazzjoni ma jistgħux jinkludu l-ispejjeż marbuta mal-attività ġenerali ta' sorveljanza tal-awtorità inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, i-21 Germany u Arcor, C-392/04 u C-422/04, EU:C:2006:586, punti 34 u 35).

33 Issa, din il-kunsiderazzjoni tapplika *a fortiori* fir-rigward tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi" li, minn naħa, jirrigwarda biss in-"nefqa tal-proċeduri" u, min-naħa l-oħra, ifittex l-għan li jiffaċilita l-aċċess għall-attivitajiet ta' servizzi. Fil-fatt, dan l-għan ma jistax jintlaħaq minn rekwiżit ta' prefinanzjament tal-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar, li jinkludu b'mod partikolari n-nefqa marbuta mal-identifikazzjoni u mar-repressjoni tal-attivitajiet mhux awtorizzati, tal-iskema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata.

34 Għaldaqstant, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva "dwar is-servizzi" għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-ħlas, fil-mument tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, ta' tariffa li parti minnha tikkorrispondi għall-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata, anki jekk dik il-parti tista' tingħabar lura fil-każ li dik l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

**Fuq l-ispejjeż**

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-ħlas, fil-mument tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, ta' tariffa li parti minnha tikkorrispondi għall-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata, anki jekk dik il-parti tista' tingħabar lura fil-każ li dik l-applikazzjoni tiġi miċħuda.**

Firem